ISSN 1977-0987

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 322

Edizzjoni bil-Malti

Volum 55

24 ta' Ottubru 2012

Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru	Werrej	Paġna
	IV *Informazzjoni*	
	INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA	
	Il-Kummissjoni Ewropea	
2012/C 322/01	Rata tal-kambju tal-euro	1
	V *Avviżi*	
	PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI	
	Il-Kummissjoni Ewropea	
2012/C 322/02	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6700 – Talisman/Sinopec/JV) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata (1)	2
2012/C 322/03	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6711 – Advent/Douglas Holding) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata (1)	3

MT

Prezz: EUR 3

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2012/C 322/04 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel 4

2012/C 322/05 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel 9

2012/C 322/06 Pubblikazzjoni ta' talba għat-tħassir skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel 13

MT

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro [1]

It-23 ta' Ottubru 2012

(2012/C 322/01)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,3005	AUD	Dollaru Awstraljan	1,2662
JPY	Yen Ġappuniż	103,84	CAD	Dollaru Kanadiż	1,2961
DKK	Krona Daniża	7,4586	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,0791
GBP	Lira Sterlina	0,81365	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6002
SEK	Krona Żvediża	8,6174	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5929
CHF	Frank Żvizzeru	1,2098	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 434,96
ISK	Krona Iżlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	11,3724
NOK	Krona Norveġiża	7,4170	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,1308
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,5630
CZK	Krona Ċeka	24,908	IDR	Rupiah Indoneżjan	12 505,13
HUF	Forint Ungeriż	281,77	MYR	Ringgit Malażjan	3,9754
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	53,792
LVL	Lats Latvjan	0,6963	RUB	Rouble Russu	40,6150
PLN	Zloty Pollakk	4,1342	THB	Baht Tajlandiż	39,990
RON	Leu Rumen	4,5785	BRL	Real Brażiljan	2,6373
TRY	Lira Turka	2,3437	MXN	Peso Messikan	16,8471
			INR	Rupi Indjan	69,9210

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.6700 – Talisman/Sinopec/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/C 322/02)

1. Fis-16 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha Talisman Energy Inc. ("Talisman", il-Kanada) u l-Korporazzjoni China Petrochemical ("Sinopec", iċ-Ċina) jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Talisman Energy (UK) Limited ("JV", ir-Renju Unit) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Talisman esplorazzjoni, żvilupp, produzzjoni u bejgħ ta' żejt mhux maħdum, ta' gass naturali u ta' likwidi ta' gass naturali,

— għal Sinopec: esplorazzjoni u żvilupp ta' riżorsi, ħażna u trasportazzjoni ta' żejt u gass, raffinar u produzzjoni petrokimika, u bejgħ ta' prodotti raffinati,

— għal JV: esplorazzjoni u produzzjoni ta' petrolju fil-Baħar tat-Tramuntana fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6700 – Talisman/Sinopec/JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.6711 – Advent/Douglas Holding)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/C 322/03)

1. Fis-16 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriża AI Beauty & Cy S.C.A. (Il-Lussemburgu) li tappartjeni għall-grupp Advent International Corporation ("Advent", l-Istati Uniti) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Ġhaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Douglas Holding.AG ("Douglas", il-Ġermanja) b'offerta pubblika mhabbra fil-15 ta' Ottubru 2012.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Advent: investitur ta' ekwità prvata b'ishma f'bosta setturi, inklużi dawk tal-industrija, tal-kummerċ, tal-midja, tal-komunikazzjoni, tal-informatika, tat-teknoloġija tal-internet, tal-kura tas-saħħa u tal-farmaċewtika,

— fil-każ ta' Douglas: bejgħ ta' prodotti għall-konsumatur, b'mod partikolari (i) fwejjaħ, kosmetiċi, u prodotti tal-iġene (Douglas), (ii) kotba (Thalia), (iii) ġojellerija u arloġġi (Christ), (iv) moda (Apperath-Cüpper), u (v) dolċerija (Hussel).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Ġhaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Ġhaqdiet [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6711 – Advent/Douglas Holding, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Ġhaqdiet").
[2] ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel

(2012/C 322/04)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 [1]. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

APPLIKAZZJONI GĦAL EMENDA

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006

APPLIKAZZJONI GĦAL EMENDA SKONT L-ARTIKOLU 9

"CASATELLA TREVIGIANA"

Nru KE: IT-DPO-0105-0982-19.03.2012

IĠP ( ) DPO (X)

1. **Intestatura tal-ispeċifikazzjoni affettwata mill-emenda:**

— ☐ Isem tal-prodott

— ☒ Deskrizzjoni tal-prodott

— ☐ Żona ġeografika:

— ☐ Prova tal-oriġini

— ☒ Metodu ta' produzzjoni:

— ☐ Rabta

— ☐ Tikkettar

— ☐ Rekwiżiti nazzjonali

— ☐ Oħrajn [ ]

2. **Tip ta' emenda:**

— ☒ Emenda tad-dokument uniku jew tas-sommarju

— ☐ Emenda tal-ispeċifikazzjoni tad-DPO jew l-IĠP rreġistrata, li għaliha ma ġie ppubblikat l-ebda dokument uniku jew sommarju

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

— ☐ Emenda tal-ispeċifikazzjoni li ma teħtieġ l-ebda emenda tad-dokument uniku ppubblikat (l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

— ☐ Emenda temporanja tal-ispeċifikazzjoni li tirriżulta mill-impożizzjoni ta' miżuri sanitarji jew fitosanitarji obbligatorji mill-awtoritajiet pubbliċi (l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

3. **Emenda/i:**

3.1. *Deskrizzjoni tal-prodott:*

Huwa previst daqs iżgħar minn dak iddenfinit fl-ispeċifikazzjoni attwali. Fil-preżent, il-piż minimu stipulat għad-"daqs żgħir" huwa ta' 0,25 kg. Qed jintalab biex ikun prodott "daqs żgħir" ta' Castella Trevigiana DPO b'piż minimu ta' 0,20 kg, b'tibdil konsegwenti fid-dijametru, minn 8-12 ċm għal 5-12 ċm.

L-għoli tal-qoxra tal-ġenb (4-6 ċm) jibqa' l-istess.

Tali emenda tinħtieġ peress li dan il-format huwa kklassifikat għall-bejgħ bħala "porzjon uniku" u huwa ddisinjat biex jaqdi l-ħtiġijiet ta' familji żgħar u persuni li jgħixu waħedhom. Dan ikun qed iwessa' l-firxa ta' konsumaturi fil-mira ta' dan il-prodott, itejjeb il-pożizzjonament tal-Casatella Trevigiana DPO f'katini ta' distribuzzjoni organizzata, u b'hekk iwassal għal distribuzzjoni aktar estensiva tal-prodott Casatella Trevigiana DPO fuq livell reġjonali, nazzjonali u internazzjonali.

3.2. *Metodu ta' produzzjoni:*

Il-lista tar-razez issa tinkludi r-razza Burlina u r-razez imħallta tagħha, li tħallew barra bi żball fl-ispeċifikazzjoni approvata preċedentement. Ir-razza Burlina hija razza bovina indiġena għar-reġjun ta' Veneto u dejjem kienet preżenti fil-biċċa l-kbira tal-imrieħel; sa madwar l-1930, b'aktar minn 15 000 baqra li kienu jikkostitwixxu r-razza l-aktar komuni għall-produzzjoni ta' prodotti tal-ħalib. Il-ħalib miksub mir-razza Burlina kien jintuża għall-produzzjoni ta' ġobnijiet tipiċi. Sussegwentement, l-għadd tagħhom naqas b'mod sinifikanti. Mill-1985, permezz tat-twaqqif ta' reġistru ta' razez bovini indiġeni u gruppi etniċi konċentrati ġeografikament, kif ukoll permezz ta' proġetti biex tittejjeb il-kwalità tal-ħalib, kien hemm tkabbir mill-ġdid fil-popolazzjoni tal-Burlina, li l-ħalib tagħha huwa partikolarment adattat għall-produzzjoni tal-Casatella Trevigiana DPO.

DOKUMENT UNIKU

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006

"CASATELLA TREVIGIANA"

Nru KE: IT-DPO-0105-0982-19.03.2012

IĠP ( ) DPO (X)

1. **Isem:**

"Casatella Trevigiana"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz:**

L-Italja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel:**

3.1. *Tip ta' prodott:*

Klassi 1.3. Ġobon

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-punt 1:*

Ġobon artab miksub billi jiġi mbaqqat il-ħalib sħiħ li ġej esklużivament mir-razez tal-ifrat li ġejjin: Frisona, Pezzata Rossa, Bruna, Burlina u r-razez imħallta tagħhom. Meta jiġi rilaxxat għall-konsum, dan il-prodott għandu jkollu l-karatteristiċi organolettiċi li ġejjin: konsistenza ratba, ileqq, kemxejn kremuż, jinħall fil-ħalq, b'kulur bejn abjad lewn il-ħalib u l-krema; huma ammessi ftit toqob żgħar. Minħabba l-konsistenza tal-ġobon il-Casatella Trevigiana DPO ma tistax tkun ikklassifikata bħala ġobon "li jindilek" jew kremuż ħafna.

Ma għandux qoxra jew ftit li xejn tinħass, il-forma hija tradizzjonalment ċilindrika.

Ir-riħa hija ħafifa, friska u tal-ħalib.

It-toġma hija ħelwa, tipika tal-ħalib, f'waqtiet kemxejn aċiduża.

Il-karatteristiċi kimiċi:

Kontenut ta' ilma: 53-60 %

Xaħam: 18-25 %, fuq bażi niedja

Proteini: > 12 %, fuq bażi niedja

Karatteristiċi fiżiċi

Forma: Ċilindrika

Piż:

Forma kbira: 1,8-2,2 Kg

Forma żgħira: 0,20-0,70 Kg

Dijametru:

Forma kbira: 18-22 ċm

Forma żgħira: 5-12 ċm

Għoli tal-qoxra:

Forma kbira: 5-8 ċm

Forma żgħira: 4-6 ċm

3.3. *Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss):*

Il-ħalib użat fil-produzjoni tal-Casatella Trevigiana DPO għandu jiġi prodott fl-irziezet li jinsabu fiż-żona ġeografika konċernata (Provinċja ta' Treviso).

L-ammont ta' xaħam tal-ħalib mibgħut għall-ipproċessar għandu jkun ogħla minn 3,2 %. Il-ħalib ma għandux ikun fih preservattivi u mhuwiex permess l-użu ta' ħalib kolostrali jew li ġej minn baqar b'patoloġiji evidenti. Il-konservazzjoni tal-ħalib fl-irziezet għandha ssir permezz tat-tkessiħ. It-tibqit għandu jibda, fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard minn 48 siegħa minn meta tinħaleb il-baqra.

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss):*

L-alimentazzjoni tal-baqar li jipproduċu l-ħalib għall-produzzjoni tal-Casatella Trevigiana DPO għandha tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

— mill-inqas 90 % tar-razzjoni għandha tinkludi għalf miż-żona indikata fil-punt 4.3;

— fir-razzjonijiet alimentari tal-baqar li jreddgħu, is-60 % tal-materja niexfa mogħtija kuljum lill-baqar għandha tiġi mill-foraġġ.

— mhuwiex permess l-użu ta' dan it-tip ta' għalf li ġej, li mhuwiex tipiku taż-żona tal-produzzjoni: pitravi bħala foraġġ, frott u fdalijiet mill-ipproċessar ta' frott taċ-ċitru u żebbuġ, sainfoin u silla, veġetali sħaħ jew fdalijiet mill-ipproċessar tal-pjanti tal-qaqoċċ, pastard, lift u tadam.

3.5. *Stadji speċifiċi fil-produzzjoni li għandhom isiru fiż-żona ġeografika ddefinita:*

Il-proċess sħiħ tal-produzzjoni (it-trobbija tal-annimali u l-produzzjoni tal-ħalib, il-koagulazzjoni, l-iffurmar, l-iskular, it-tmelliħ u l-maturazzjoni tal-ġobon) għandu jsir fi ħdan iż-żona indikata fil-punt 4.

L-ipproċessar tal-ħalib jgħaddi mill-fażijiet li ġejjin: trobbija tal-bhejjem, produzzjoni tal-ħalib, ipproċessar, maturazzjoni.

3.6. *Regoli speċifiċi għat-tqattigħ, għat-tħakkik, għall-ippakkjar, eċċ.:*

Il-Casatella Trevigiana DPO għandha titqiegħed għall-konsum ippakkjata. Billi l-Casatella Trevigiana DPO hija ġobon "b'konsistenza ratba" li jeħżien malajr u delikat, jekk il-prodott mhux ippakkjat jiġi ttrasportat fit-tul, dan jista' jikkomprometti l-karatteristiċi organolettiċi u kimikofiżiċi, u b'mod partikolari jbiddel iż-żmien u t-tip ta' maturazzjoni.

Għalhekk, bil-għan li tiġi ggarantita l-konservazzjoni tal-karatteristiċi kwalitattivi tipiċi tal-prodott, jeħtieġ li jiġi limitat iż-żmien bejn il-produzzjoni u l-ippakkjar. Għaldaqstant, l-imballaġġ għandu jsir fiż-żona tal-produzzjoni biex ikunu żgurati t-tipiċità, it-traċċabbiltà u l-kontroll, kif ukoll biex jinżammu l-karatteristiċi kimiċi, fiżiċi u organolettiċi tal-Casatella Trevigiana DPO.

3.7. *Huwa obbligatorju li fuq it-tikketta jidher il-kliem li ġej:*

Il-Ġobon Casatella Trevigiana DPO jintgħaraf permezz tal-marka murija hawn taħt.

L-indikazzjoni "Denominazione d'Origine Protetta" tista' tiġi sostitwita bit-taqsira "DOP" (DPO).

Il-proporzjonijiet bejn il-parti ta' fuq tal-marka u dik ta' isfel ma jvarjawx u jintwerew bħal fid-disinn hawn fuq. Il-marka trid tintwera fuq l-imballaġġ protettiv ta' barra tal-ġobon.

Fuq l-imballaġġ estern ma jistax ikun hemm indikazzjonijiet promozzjonali jew li jqarrqu bil-konsumaturi.

Id-daqs tal-marka għandu jkun proporzjonat mad-daqs tal-imballaġġ skont din ir-regola: il-wisgħa totali tal-kliem "Casatella" ma għandhiex tkun anqas mit-80 % tad-dijametru tal-imballaġġ.

Minħabba t-tip tiegħu, fuq il-ġobon stess mhumiex permessi indikazzjonijiet ta' ebda tip.

L-użu tal-imballaġġ, li juri l-marka u l-kliem kif ġew deskritti, huwa obbligatorju.

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika:**

It-territorju kollu li jinsab fil-Provinċja ta' Treviso.

5. **Rabta maż-żona ġeografika:**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika:*

Il-proprjetajiet u l-karatteristiċi kwalitattivi tal-Casatella Trevigiana DPO huma marbutin mill-qrib mal-oriġini lokali, familjari u tal-biedja, kif ukoll mal-evoluzzjoni artiġjanali tat-teknika tal-produzzjoni tal-ġobon u ma' varjetajiet ta' batterji indiġeni li evolvew fil-post tal-produzzjoni. B'mod partikolari, il-kwalità u t-tipiċità tal-ġobon Casatella Trevigiana DPO ġejjin b'mod dirett u immedjat mill-karatteristiċi tal-flora mikrobika lokali li tinsab fil-ħalib, kif ukoll mit-temperatura u ż-żmien ta' pproċessar li jiddeterminaw l-għażla tal-ispeċijiet, il-varjetajiet u l-konċentrazzjonijiet.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott:*

Il "Casatella Trevigiana" hija ppreżentata b'konsistenza ratba, tleqq, kemxejn kremuża, tinħall fil-ħalq, b'kulur bejn abjad lewn il-ħalib u l-krema; huma ammessi ftit toqob żgħar.

Il-ġobon ma ġhandux qoxra jew ftit li xejn tinħass, il-forma hija tradizzjonalment ċilindrika; ir-riħa hija ħafifa, friska u tal-ħalib u t-togħma hija ħelwa, tipika tal-ħalib, kemxejn aċiduża.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP):*

Studji reċenti juru li fil-flora mikrobika li evolviet matul is-snin fiż-żona tipika, jerġgħu jinbtu tipi differenti ta' Streptokokki termofili bi proprjetajiet u attivitajiet metaboliċi fundamentali mhux biss f'termini ta' aċidifikazzjoni, iżda wkoll għall-kontribut tagħhom lill-proprjetajiet sensorji tal-prodott, fosthom it-togħma karatteristika kemxejn aċiduża tal-ġobon li tkun inkisbet mal-maturazzjoni.

Bl-istess mod, il-preżenza, minkejja li f'ammonti iżgħar, tal-Lattobaċilli termofili b'aktar attività proteolitika tiggarantixxi d-degradazzjoni tal-kaseini bil-produzzjoni ta' molekuli u l-prekursuri tagħhom li kapaċi jikkaratterizzaw il-konsistenza, il-maturazzjoni u t-togħma tal-ġobon. Dawn huma kundizzjonijiet għalkollox partikolari u li ma jerġgħux isehhu f'kuntesti produttivi oħra li ma jinsabux f'din iż-żona tipika.

It-teknika tipika tal-ipproċessar użata mill-produtturi, li tinkludi temperatura baxxa ta' koagulazzjoni, ġiet żviluppata tradizzjonalment biex tivvalorizza u żżid il-preżenza ta' Streptokokki u Lattobaċilli termofili.

Dan jaċċentwa u jiddefinixxi l-karatteristiċi sensorjali u organolettiċi tipiċi tal-Casatella Trevigiana DPO.

Hija t-tradizzjoni antika tal-produzzjoni domestika tal-ġobon li ddefiniet l-oriġini u l-preżenza ta' dan il-ġobon tipiku ta' Treviso. It-teknika tal-produzzjoni għaddiet bil-fomm minn ġenerazzjoni għall-oħra u hija bbażata fuq metodi ta' produzzjoni tal-ġobon sempliċi ħafna. Għaldaqstant l-oriġini tassew tinsab fl-irziezet ta' produzzjoni tradizzjonali tal-ġobon fi Treviso, li ilhom iddefiniti "remoti" sa mill-1962.

Bosta kitbiet jixhdu li l-Casatella hija ġobon li joriġina fiż-żona ta' Treviso.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni:

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

Din l-Amministrazzjoni nediet il-proċedura ta' oġġezzjoni nazzjonali bil-pubblikazzjoni tal-proposta għarrikonoxximent tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini tal-"Casatella Trevigiana" fil-*Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana* Nru 157 tat-8 ta' Lulju 2011.

It-test sħiħ tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott jinsab fuq is-sit tal-internet li ġej:

http://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/3335

jew

billi wieħed jidħol direttament fuq il-paġna ewlenija tal-websajt tal-Ministeru (http://www.politicheagricole.it) u jikklikkja fuq "Prodotti di Qualità" (fuq ix-xellug tal-iskrin) u mbagħad fuq "Disciplinari di Produzione all'esame dell'UE [regolamento (CE) n. 510/2006)]".

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel

(2012/C 322/05)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 [1]. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006

"ACEITE DE NAVARRA"

KE Nru: ES-PDO-0005-0695-29.04.2008

IĠP ( ) DPO (X)

1. **Isem:**

"Aceite de Navarra"

2. **L-Istat Membru jew il-Pajjiż Terz:**

Spanja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel:**

3.1. *It-tip tal-prodott:*

Klassi 1.5: Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żejt, eċċ.)

3.2. *Id-deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1):*

Żejt taż-żebbuġa extra verġni miksub miż-żebbuġa tal-varjetajiet li ġejjin: Arróniz, Empeltre u Arbequina. Hija kkunsidrata bħala l-varjetà prinċipali tal-varjetà awtoktona Arróniz li fiż-żejt tirrappreżenta perċentwal ta' iktar minn 10 %, li tista' tiġi kemm mit-taħlita taż-żejt kif ukoll miż-żebbuġa.

L-estrazzjoni ssir biss b'metodi mekkaniċi jew metodi fiżiċi oħra li ma jalterawx iż-żejt, iżda li jżommu t-togħma, l-aroma u l-karatteristiċi tal-frotta li jiġi minnha.

Iż-żjut għandhom il-karatteristiċi fiżikokimiċi li ġejjin:

— Aċidità: massimu ta' 0,3°

— Indiċi ta' perossidu: massimu ta' 15 mEq O_2

— Assorbiment tar-raġġi ultravjola (K_{270}): massimu ta' 0,15

— Assorbiment tar-raġġi ultravjola (K_{270}): massimu ta' 2

— Kompożizzjoni tal-aċidi mxaħħma: minimu ta' 72 % tal-aċidu olejku.

F'termini organolettiċi, iż-żejt "Aceite de Navarra" huwa żejt b'karattteristika ta' frott li tvarja bejn medju għal qawwi ħafna, bi ħjiel ħodor, morr u pikkanti, ibbilanċjat b'mod tajjeb, li jvarja fl-intensità bejn ħafifa għal medja, iżda mhux ħelu, u jikkorrispondi għall-parametri li ġejjin:

— Il-medja tal-karatteristika tal-frott (Mf): minimu ta' 4,5

— Il-medja tad-difetti (Md):0

— Il-medja tal-imrar: iktar minn 1,5 u inqas minn 4,0

— Il-medja tal-kwalità pikkanti: iktar minn 2,0 u inqas minn 4,0

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

3.3. *Il-materja prima (għall-prodotti pproċessati biss):*

—

3.4. *L-għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss):*

—

3.5. *Il-passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jittieħdu fiż-żona ġeografika identifikata:*

L-operazzjonijiet tal-kultivazzjoni, tal-produzzjoni u tal-maturazzjoni tal-"Aceite de Navarra", għandhom jitwettqu esklussivament fiż-żona ġeografika tal-produzzjoni deskritta fil-punt 4

3.6. *Ir-regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.:*

—

3.7. *Ir-regoli speċifiċi dwar it-tikkettar:*

—

4. **Definizzjoni konċiża taż-żona ġeografika:**

Iż-żona protetta tinkludi fiha 135 muniċipju li jidhru hawn taħt f'ordni alfabetika:

Muniċipalitajiet:

Abaigar, Abárzuza, Aberin, Ablitas, Adiós, Aibar, Allín, Allo, Ancín, Andosilla, Añorbe, Aras, Arcos (Los), Arellano, Arguedas, Armañanzas, Arróniz, Artajona, Artazu, Ayegui, Azagra, Azuelo, Barásoain, Barbarin, Bargota, Barillas, Beire, Belascoáin, Berbinzana, Biurrun-Olcoz, Buñuel, Busto (El), Cabanillas, Cadreita, Caparroso, Cárcar, Carcastillo, Cascante, Cáseda, Castejón, Cintruénigo, Cirauqui, Corella, Cortes, Desojo, Dicastillo, Enériz, Eslava, Espronceda, Estella, Etayo, Ezprogui, Falces, Fitero, Fontellas, Funes, Fustiñana, Gallipienzo, Garinoain, Guesálaz, Guirguillano, Igúzquiza, Javier, Larraga, Lazagurría, Leache, Legarda, Legaria, Leoz, Lerga, Lerín, Lezáun, Liédena, Lodosa, Lumbier, Luquin, Mañeru, Marcilla, Mélida, Mendavia, Mendaza, Mendigorría, Metauten, Milagro, Mirafuentes, Miranda de Arga, Monteagudo, Morentin, Mues, Murchante, Murieta, Murillo El Cuende, Murillo El Fruto, Muruzábal, Názar, Obanos, Oco, Olejua, Olite, Olóriz, Orísoain, Oteiza, Peralta, Piedramillera, Pitillas, Puente La Reina, Pueyo, Ribaforada, Sada, San Adrián, San Martín de Unx, Sangüesa, Sansol, Santacara, Sartaguda, Sesma, Sorlada, Tafalla, Tiebas-Muruarte de Reta, Tirapu, Torralba del Río, Torres del Rio, Tudela, Tulebras, Ucar, Ujué, Unzué, Uterga, Valtierra, Viana, Villafranca, Villamayor de Monjardín, Villatuerta, Yerri, Yesa u t-territorju Bardenas Reales.

5. **Ir-rabta maż-żona ġeografika:**

5.1. *L-ispeċifiċità taż-żona ġeografika:*

Fir-rigward tal-klima, iż-żona definita hija ddeterminata minn tliet fatturi:

— Il-fatt li hija mdawra mill-ktajjen tal-muntanji ta' Codés, Lókiz, Urbasa, Andía, Perdón, Aláiz, Izco u Leyre mill-Punent sal-Lvant u b'hekk jiffurmaw kenn naturali mill-irjieħ umdi tal-Baħar Cantábrico.

— L-influwenza tar-riħ, magħruf baħal "Cierzo" li jiddomina mill-Grigal.

— Il-latitudni: bejn il-paralleli ta' 41° 54′ u 42° 49′ il-latitudni tat-Tramuntana.

Din iż-żona tinsab kważi kollha kemm hi fil-wied tax-xmara Ebro, f'altitudni ta' inqas minn 600 m, b'konfini fuq in-naħa tat-Tramuntana ffurmata mill-barriera naturali mill-irjieħ umdi msemmija hawn fuq, li flimkien mar-riħ "cierzo", jirriżultaw f'inżul rari ta' xita (il-parti l-kbira tat-territroju ma taqbiżx il-limitu ta' 400 mm isoħajits) u b'espożizzjoni għolja għax-xemx (2 500 sigħat fis-sena ta' xemx diretta), b'medja ta' iktar minn 120 ġurnata ta' xemx bla sħab fis-sena u b'differenzi kbar fit-temperaturi bejn xitwa u sajf, kif ukoll matul l-istess ġurnata speċjalment waqt il-ħarifa (l-akbar firxa ta' varjazzjoni ta' 18 °C).

Ir-raġuni ewlenija għaliex in-nixfa matul is-sajf u l-kesħa matul ix-xitwa jkomplu jiżdiedu iktar, hija dovuta għar-riħ "cierzo".

Il-perjodu li matulu ma jkunx hemm ġlata huwa ta' 190 ġurnata u l-ewwel ġlata tal-ħarifa taħbat fit-tieni nofs tax-xahar ta' Ottubru.

Fir-rigward tal-ħamrija t-territorju huwa karatterizzat minn ħamrija li tvarja bejn fond b'mod moderat għal fond, tat-tip li jvarja minn ustiku għal aridu. Il-ħamrija hija ffurmata l-iktar minn taħlita ta' tafal u ġir, tafal, ġibs u ġir. Il-ħamrija hija kannella fil-ġriż, bil-ġir u karbonizzata minħabba l-oriġini tagħha u minħabba li l-kalċju ma jitneħħix minnha peress li rarament tagħmel ix-xita.

Fatturi storiċi u umani

F'Navarra, sa minn żmien ir-Rumani, il-ġonna taż-żebbuġ kienu u għadhom jiffurmaw parti mill-pajsaġġ tipiku u l-użu taż-żejt kien parti mill-kultura u t-tradizzjoni u llum iż-żejt sar wieħed mill-prodotti bażiċi tal-ikel.

It-tkabbir tas-siġar taż-żebbuġ laħaq l-aqwa tiegħu fl-ewwel terz tas-seklu XX, meta kien hemm iktar minn 60 magħsar operattiv li kienu jippermettu l-kisba ta' żejt ta' kwalità li għaliha ż-żjut ta' Navarra rċevew bosta premjijiet, fosthom iż-żejt min Cascante fl-Expo ta' Sevilla fl-1929.

L-aqwa żvilupp f'termini tad-dimensjoni taż-żona ntlaħaq fis-sena 1967 bi 8 682 ettaru. Iktar tard din tnaqqset sakemm fl-1995 laħqet l-2 297.

Minn dak iż-żmien 'l hawn wieħed jinnota interess ġdid fil-kultivazzjoni taż-żebbuġ u wkoll żviluppi fil-metodi tal-estrazzjoni, l-immodernizzar u l-konċentrazzjoni tal-imgħasar u żieda notevoli fil-kapaċità tal-għasir taż-żebbuġ.

Il-kapaċità attwali taż-żona agrikola ta' Navarra taqbeż il-massimu tal-produzzjoni potenzjali. Dan iwassal biex kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur, iż-żebbuġ jingħasar fiż-żmien l-aktar propizju.

L-istruttura bi ħbula tar-raba' taż-żona agrikola fir-reġjun ta' Navarra kienet ikkondizzjonata minn dejjem mill-karatteristika tagħha li hija maqsuma f'ħafna biċċiet żgħar. Din il-karatteristika li r-raba' jkun maqsum f'biċċiet żgħar għadha importanti wkoll il-lum il-ġurnata fit-tkabbir tal-uċuħ tar-raba' permanenti u b'mod speċjali fil-każ tas-siġar taż-żebbuġ. Il-proprjetà hija maqsuma f'ħafna biċċiet b'tali mod li l-5 344 ettaru attwali huma diviżi f'iktar minn 19 500 ħabel tar-raba', li huma kkultivati minn iktar minn 8 000 kultivaturi taż-żebbuġ (informazzjoni mogħtija mid-Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent għas-sena 2010).

Il-kultivazzjoni tas-siġar taż-żebbuġ kienet u għadha biedja ta' tip soċjali eminenti, li tappoġġa x-xogħol li jsir f'nuklei familjari kemm fl-istadju tat-tkabbir iżda b'mod partikolari fiż-żmien tal-qtugħ.

Il-konsum tal-prodott mill-istess produtturi, ukoll fl-azjendi mhumiex koperattivi, għandu importanza kbira fil-kummerċjalizzazzjoni ta' dan it-tip ta' żejt.

Sa minn żmien l-imgħoddi, it-tliet varjetajiet Arróniz, Empeltre u Arbequina ilhom jeżistu flimkien f'perċentwali differenti li jvarjaw skont iż-żoni. Huwa normali li f'ħabel ta' art partikolari għall-waħda mit-tliet varjetajiet, jinstabu siġar ta' varjetà oħra, speċjalment fi ħbula qodma, minħabba l-idea li t-taħlit jiffavorixxi d-dakkir (is-siġar taż-żebbuġ magħrufin bħala "maskili").

5.2. *L-ispeċifiċità tal-prodott:*

Il-partikolarità tal-"Aceite de Navarra" hija dovuta għall-preżenza tal-varjetà awtoktona Arróniz, li flimkien maż-żejt tal-varjetajiet Empeltre u Arbequina tirrappreżenta perċentwal ta' aktar minn 10 % fit-taħlita taż-żejt, li jagħtiha profil karatteristiku, li jikkorrispondi għall-parametri li ġejjin:

— Żejt b'togħma karatteristika morra u pikkanti, ibbilanċjat sew, ivarja bejn intensità ħafifa għal medja, iżda mhux ħelu (livell ta' mrar li jvarja bejn ħafif għal medju, valuri ċċentrati madwar 1,5 għal 4,0 u fil-każ tal-kwalità pikkanti, il-valuri jvarjaw bejn 2,0 għal 4,0)

— Żjut li l-karatteristika tal-frott tagħhom tvajra bejn medju u qawwi, b'valuri ogħla minn 4,5 u bi ħjiel ħodor.

— Żjut b'perċentwal għoli ta' aċidu olejku (iktar minn 72 %).

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħrajn tal-prodott (IĠP).:*

Il-karatteristiċi partikolari tal-"Aceite de Navarra" deskritti fil-paragrafu 3,2 u 5,2 ta' dan id-dokument huma dovuti l-iktar għall-użu tal-varjetà awtoktona Arróniz fil-produzzjoni ta' dan iż-żejt.

Iż-żona fejn il-varjetà Arróniz tikber b'mod naturali u esklussiv tikkorrispondi għaż-żona ġeografika definita fil-paragrafu 4. Din il-varjetà tadatta ruħha tajjeb ħafna għall-klima tipika taż-żona minħabba r-reżistenza għolja tagħha għan-nixfa u għall-kesħa tax-xitwa (ara "Variedades de olivo en España" (Varjetajiet taż-żebbuġ fi Spanja), Ministeru għall-Ambjent, għall-Ambjent Rurali u tal-Baħar, 2005).

Il-preżenza tal-varjetà Arróniz, weħedha jew flimkien mal-varjetajiet Empeltre u Arbequina, tagħti liżżjut kwalitajiet morri u pikkanti li huma karatteristiċi u bbilanċjati sew, u li jippermettu li l-"Aceite de Navarra" ma jkunx ħelu.

Barra minn hekk, il-preżenza tal-varjetà Arróniz, l-istadju ta' maturazzjoni meta jinqata' ż-żebbuġ, il-latitudni u l-kundizzjonijiet klimatiċi taż-żona, huma l-fatturi li jaffettwaw il-kompożizzjoni ta' aċidu mxaħħam fl-"Aceite de Navarra", li jiddetermina l-proporzjon għoli ta' aċidu olejku, ogħla minn 72 %.

Il-qtugħ bikri taż-żebbuġ, fi stadju ta' maturazzjoni relattivament aħdar sabiex tiġi evitata l-ewwel ġlata, u l-kundizzjonijiet tal-ħamrija (ħamrija bil-ġir, klima niexfa u xemxija dovuta għall-barriera naturali ffurmata mill-muntanji u r-riħ magħruf bħala "Cierzo") jirriżultaw fi kwalitajiet organolettiċi straordinarji, li jiġu ddefiniti permezz ta' livell medju ta' karatteristika ta' frott li huwa ogħla minn 4,5, bi ħjiel ħodor.

Bis-saħħa tal-fatturi naturali tipiċi taż-żona, huwa possibli li ż-żebbuġ jinqata' fl-istadju ideali tal-maturazzjoni tiegħu– relattivament aħdar (inqas minn 4, fis-skala minn wieħed sa 10)- u li jinfluwenza direttament il-kwalitajiet organolettiċi propji tal-"Aceite de Navarra":

— il-firxa wiesgħa fil-varjazzjoni tat-temperaturi ta' billejl u ta' binhar fil-perjodu ta' maturazzjoni li tippermetti maturazzjoni gradwali u b'intervalli tat-tliet varjetajiet ta' żebbuġ.

— kif ukoll il-fatturi umani speċifiċi taż-żona:

— it-tqassim tal-proprjetà (ħbula ta' raba' żgħar ħafna) u d-diponibbiltà tax-xogħol li jsir mill-membri tal-familja.

— il-kapaċità eċċessiva tal-imgħasar li konsegwentement tippermetti l-għasir taż-żebbuġ fl-iktar żmien propizju.

Dawn il-fatturi taw kontribut fil-ħolqien ta' żejt b'karatteristiċi speċifiċi, kemm fil-kompożizzjoni kimika kif ukoll fil-valutazzjoni organolettika tiegħu.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni:

(l-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

http://www.cfnavarra.es/agricultura/COYUNTURA/marcas_calidad_diferenciada/pliego-condiciones/120328_Pliego_Condiciones_DOP_Aceite_Navarra.pdf

Pubblikazzjoni ta' talba għat-tħassir skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel

(2012/C 322/06)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt li wieħed joġġezzjona għat-talba għat-tħassir skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 [1]. L-istqarrijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni Ewropea fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

TALBA GĦAT-TĦASSIR

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006

TALBA GĦAT-TĦASSIR SKONT L-ARTIKOLU 12(2)

"WERNESGRÜNER BIER"

Nru tal-KE: DE-PGI-0117-1174-17.10.2011

IĠP (X) DPO ( )

1. **Isem irreġistrat li qed jintalab li jitħassar:**

   "Wernesgrüner Bier"

2. **Stat membru jew pajjiż terz:**

   Il-Ġermanja

3. **Tip ta' prodott:**

   Birra tal-kategorija 2.1

4. **Persuna jew entità li qed tapplika:**

   L-isem: Wernesgrüner Brauerei GmbH
   L-indirizz: Wernesgrün/Bergstraße 4
   08237 Steinberg
   DEUTSCHLAND

   In-natura tal-interess leġittimu biex wieħed iressaq l-applikazzjoni:

   Il-kumpanija li qed tapplika hija s-suċċessur legali tal-applikant oriġinali u hija dik li tuża l-indikazzjoni ġeografika protetta.

5. **Raġunijiet għat-tħassir:**

   Il-kumpanija li qed tapplika jidher li hija l-unika waħda li tuża l-indikazzjoni ġeografika protetta. Hija m'għadhiex interessata li tibqa' tuża l-isem "Wernesgrüner Bier" bħala indikazzjoni ġeografika protetta u għalhekk ma tixtieqx tibqa' tħallas l-ispejjeż tal-ispezzjonijiet.

   M'hemm l-ebda produttur potenzjali ieħor li huwa magħruf li huwa interessat juża din l-indikazzjoni ġeografika protetta.

---

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT